IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.10.2020
COM(2020) 652 final

2020/0300 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar Programm Ġenerali ta’ Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fl-4 ta’ Diċembru 2019, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) ippubblikat ir-rapport tagħha bit-titolu “The European Environment – state and outlook 2020” (SOER)[1], u r-riżultati tiegħu huma inkwetanti. L-isfidi ambjentali, klimatiċi u ta’ sostenibbiltà attwali huma ta’ skala u urġenza bla preċedent, u jeħtieġu azzjoni immedjata u konġunta u soluzzjonijiet sistemiċi. Il-politiki ambjentali tal-Unjoni wasslu benefiċċji sostanzjali matul l-aħħar għexieren ta’ snin mingħajr ma affettwaw il-kompetittività fit-tul tal-UE, u f’dawn l-aħħar snin l-acquis ġie msawwar dejjem aktar minn viżjoni ambizzjuża fit-tul, miri u politiki ta’ qafas strateġiku, li effettivament inaqqsu l-pressjonijiet ambjentali. Madankollu, it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tas-servizzi tal-ekosistema, it-tibdil fil-klima u l-impatti tiegħu, u l-użu mhux sostenibbli tar-riżorsi, it-tniġġis u r-riskji assoċjati għas-saħħa u l-benesseri tal-bniedem, in-natura, l-ekosistemi u l-ekonomija, kollha jeħtieġu azzjoni ulterjuri deċiżiva fl-UE u globalment.

Fil-11 ta’ Diċembru 2019, il-Kummissjoni Ewropea wieġbet għal dawn l-isfidi bl-adozzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew[2] – aġenda ambizzjuża għall-UE biex issir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050 u biex tipproteġi, tippreserva u ssaħħaħ il-kapital naturali tal-UE, u tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u impatti ambjentali. Ibbażat fuq mudell ta’ tkabbir riġenerattiv li jagħti lura lill-pjaneta aktar milli jieħu, dan jiddeskrivi l-prijoritajiet ambjentali għas-snin li ġejjin u l-ambizzjoni tal-Unjoni li tittrasforma l-ekonomija tagħha għal futur sostenibbli filwaqt li ma tħalli lil ħadd lura, sabiex dawn l-objettivi jsiru realtà, ifassal sett ta’ politiki trasformattivi fil-fond u ħeġġeġ lill-Unjoni biex ittejjeb it-tmexxija tagħha fuq l-istadju globali dwar kwistjonijiet klimatiċi u ambjentali.

Wara d-dibattitu wiesa’ dwar il-Komunikazzjoni “Pjaneta Nadifa għal Kulħadd”[3], f’Marzu 2020 l-UE ppreżentat l-istrateġija tagħha fit-tul taħt il-Ftehim ta’ Pariġi għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima[4], fejn impenjat ruħha li ssir ekonomija newtrali għall-klima sal-2050. Il-Kummissjoni pproponiet li tinkludi dan l-objettiv fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima.[5] Il-Kummissjoni Ewropea adottat ukoll għadd ta’ inizjattivi strateġiċi ġodda, b’mod partikolari Pjan ta’ Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa nadifa u kompetittiva[6], Strateġija dwar il-Bijodiversità għall-2030[7] u Strateġija mill-Għalqa sal-Platt[8].

L-UE adottat ukoll rispons komprensiv għall-kriżi tal-coronavirus, li qiegħda tikkawża impatt qawwi fuq il-ħajja u l-għajxien, u li wasslet għal sfidi mingħajr preċedent fit-tfassil tal-politika, aggravata minn tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku. Il-Pjan ta’ Rkupru tal-UE tal-Ġenerazzjoni li Jmiss propost mill-Kummissjoni Ewropea fis-27 ta’ Mejju 2020 u approvat mill-Kunsill Ewropew Straordinarju ta’ Lulju 2020 jenfasizza l-istatus tal-Patt Ekoloġiku

---

[1] Rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent: *The European environment - state and outlook 2020, Knowledge for transition to a sustainable Europe* (2019).

[2] COM(2019) 640 final.

[3] COM (2018)773 final.

[4] Preżentazzjoni mill-Kroazja u l-Kummissjoni Ewropea f’isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, *Long-term low greenhouse gas emission development strategy of the European Union and its Member States* (2020, https://unfccc.int/sites/default/files/resource/HR-03-06-2020%20EU%20Submission%20on%20Long%20term%20strategy.pdf).

[5] COM(2020) 80 final.

[6] COM (2020) 98 final.

[7] COM(2020) 380 final

[8] COM(2020) 381 final.

Ewropew bħala l-istrateġija l-ġdida ta' tkabbir tal-Ewropa u r-rwol tagħha fil-kisba ta' rkupru sostenibbli u rapidu filwaqt li tiżgura wkoll prevedibbiltà fit-tul fit-triq lejn in-newtralità klimatika, u fl-aħħar mill-aħħar tranżizzjoni ġusta, li ma tħalli lil ħadd lura. It-tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali, bil-viżjoni fit-tul tiegħu u l-objettivi ta' prijorità ambjentali li huwa jaqsam mal-Patt Ekoloġiku, se jappoġġa l-impenn komuni tal-UE għal irkupru ekoloġiku.

Programmi ta' azzjoni ambjentali ilhom jiggwidaw l-iżvilupp tal-politika ambjentali tal-UE sa mill-bidu tas-snin 70. Is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali (is-seba' EAP) se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2020 u l-Artikolu 4(3) tiegħu jirrikjedi li l-Kummissjoni, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta għat-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali (it-tmien EAP) fil-ħin bil-ħsieb li jiġi evitat distakk bejn is-seba' u t-tmien EAP. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew ħabbar l-adozzjoni ta' programm ġdid ta' azzjoni ambjentali.

Il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni talbu lill-Kummissjoni biex tippreżenta sa mhux aktar tard mill-bidu tal-2020 proposta għat-tmien EAP.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm ta' Azzjoni Ġenerali tal-Unjoni għall-Ambjent ġdid sal-2030 hija bbażata fuq l-Artikolu 192(3) tat-TFUE. Sabiex tiġi żgurata s-sjieda ta' dan il-Programm u t-twettiq tal-objettivi prijoritarji tiegħu mill-UE u l-Istati Membri tiegħu, din il-proposta għal Deċiżjoni tistabbilixxi qafas abilitanti li jappoġġa l-kisbiet tal-objettivi ta' prijorità u tiżgura li l-progress lejn l-objettivi jitkejjel fuq bażi regolari.

L-objettivi ta' din il-proposta għal Deċiżjoni ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom. Billi l-politika ambjentali u klimatika hija qasam ta' kompetenza kondiviża fl-UE u politika deċentralizzata, wieħed mill-iskopijiet ta' dan il-Programm huwa li joħloq sjieda komuni bejn it-tliet istituzzjonijiet kollha tal-UE u l-Istati Membri tal-objettivi tiegħu, li jipprovdi lil dawk li jfasslu l-politika u lil partijiet ikkonċernati oħrajn – inklużi r-reġjuni u l-bliet, in-negozji, l-imsieħba soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini individwali – b'qafas prevedibbli u direzzjoni għall-azzjoni.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET U L-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

Fil-15 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni ppubblikat rapport dwar l-evalwazzjoni tas-seba' EAP[9]. Ir-rapport kien ippreċedut minn proċess estensiv ta' konsultazzjoni li sar matul l-2018 u kien jikkonsisti f'konsultazzjoni pubblika miftuħa, konsultazzjoni mmirata bejn l-Istati Membri, konsultazzjoni mmirata bejn il-partijiet ikkonċernati kif ukoll żewġ workshops pubbliċi.

L-evalwazzjoni żvelat li s-seba' EAP huwa ġeneralment meqjus bħala għodda strateġika effettiva u ta' livell għoli li tiggwida l-politika ambjentali. Għal ħafna, l-EAP jaħdem ukoll bħala għodda għall-ippjanar, billi jipprovdi l-kontinwità tal-politika ambjentali – inkluż bil-viżjoni fit-tul tiegħu, ir-responsabbiltà u l-prevedibbiltà għall-azzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, minbarra li jkollu influwenza pożittiva fuq l-integrazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-politika ambjentali. L-objettivi prijoritarji tas-seba' EAP kienu ġeneralment ikkunsidrati li għadhom validi, b'mod partikolari l-viżjoni tiegħu sal-2050.

[9] COM (2019) 233 final.

Fit-22 ta’ Novembru 2017, il-Parlament Ewropew ippubblika valutazzjoni tal-implimentazzjoni tas-seba’ EAP[10], segwita minn rapport dwar l-implimentazzjoni tiegħu fis-6 ta’ Marzu 2018 u riżoluzzjoni[11] fis-17 ta’ April 2018.

Fil-31 ta’ Lulju 2018, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ppubblika studju dwar id-dimensjoni lokali u reġjonali tat-tmien EAP[12], segwit minn Opinjoni[13], adottata fis-7 ta’ Frar 2019.

Fil-11 u t-12 ta’ Ġunju 2019, b’segwitu għad-diskussjonijiet fil-Kunsill Informali dwar l-Ambjent fid-29 u t-30 ta’ Ottubru 2018 fi Graz (l-Awstrija), sar Workshop dwar il-Programm ta’ Azzjoni Ambjentali Futur f’Hainburg (l-Awstrija). Fl-4 ta’ Ottubru 2019, il-Kunsill adotta Konklużjonijiet dwar it-“Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali - Nibdlu x-Xejriet Flimkien”[14] taħt il-Presidenza Finlandiża tal-Kunsill.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta għal Deċiżjoni ġiet żviluppata f’konformità mal-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE 2021-2027. Il-proposta tinkludi skeda finanzjarja li tintroduċi l-ħtieġa għal riżorsi addizzjonali fl-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) u fl-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) fl-appoġġ għall-qafas il-ġdid ta’ monitoraġġ, kejl u rapportar ta’ dan il-Programm.

L-involviment tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) u tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) huwa ta’ importanza kbira għal din il-ħidma u biex jintlaħqu l-objettivi tat-tmien EAP. Il-qafas il-ġdid ta’ monitoraġġ u rapportar propost għat-tmien EAP se jinkludi, kemm jista’ jkun, għodod u indikaturi eżistenti ta’ monitoraġġ ibbażati l-aktar fuq statistika u *data* Ewropej mill-EEA u l-ECHA, biex b’hekk tiġi evitata d-duplikazzjoni u jiġi limitat il-piż amministrattiv għall-Istati Membri. Dan ifisser li kompiti addizzjonali huma fdati lil dawn l-aġenziji sabiex ikunu jistgħu jikkontribwixxu bis-sħiħ għall-kisba tal-prijoritajiet u joħolqu l-kundizzjonijiet abilitanti stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4 ta’ dan il-Programm.

5. ELEMENTI OĦRA

Spjegazzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta:

L-għan ġenerali tat-tmien EAP huwa li jaċċellera t-tranżizzjoni tal-Unjoni lejn ekonomija nadifa u ċirkolari newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi b’mod ġust u inklużiv u li jikseb l-objettivi ambjentali tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli tagħha, filwaqt li japprova bis-sħiħ l-objettivi ambjentali u klimatiċi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Artikolu 1

Il-proposta attwali sservi biex iżżid il-koerenza u s-sinerġiji bejn l-azzjonijiet fil-livelli kollha ta’ governanza billi tkejjel il-progress lejn l-objettivi ambjentali u klimatiċi b’mod integrat. F’konformità mal-prinċipju ta’ “la tagħmilx ħsara” tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-proposta tappoġġa t-tnaqqis tal-pressjonijiet fuq l-ambjent u l-klima u ssaħħaħ l-approċċ integrat għall-

---

[10] Valutazzjoni tal-Impatt Ewropew tal-Parlament Ewropew: *L-implimentazzjoni tas-Seba’ Programm ta’ Azzjoni Ambjentali - Rieżami ta’ nofs it-terminu* (2017).

[11] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta’ April 2018 dwar l-implimentazzjoni tas-seba’ Programm ta’ Azzjoni Ambjentali (2017/2030(INI)).

[12] Il-Kumitat tar-Reġjuni: *Lejn it-tmien Programm ta’ Azzjoni Ambjentali – Id-dimensjoni lokali u reġjonali* (2018).

[13] ĠU C 168, 16.5.2019, p. 27–36.

[14] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 ta’ Ottubru 2019 (12795/19).

iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika, b'mod partikolari billi s-sostenibbiltà tiġi integrata fl-inizjattivi u l-proġetti rilevanti kollha fil-livell nazzjonali u tal-UE.

Artikolu 2

Ir-responsabbiltà biex jinkisbu l-għanijiet u l-objettivi relatati mal-ambjent u l-klima hija kondiviża mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u tirrikjedi azzjoni mill-atturi kollha, il-gvernijiet fil-livell tal-UE, kif ukoll fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili, iċ-ċittadini u n-negozji.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi l-objettivi tematiċi prijoritarji fil-kuntest ta' objettiv fit-tul sal-2050 ta' "Ngħixu tajjeb, fi ħdan il-limiti planetarji", diġà stabbilit fis-seba' EAP.

Artikolu 3

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-politiki u l-leġiżlazzjoni jiġu infurzati u jitwasslu b'mod effettiv.

L-Artikolu 3 jipprovdi l-bażi għal fehim u impenn konġunt dwar il-kundizzjonijiet abilitanti meħtieġa biex jintlaħqu dawn l-objettivi tematiċi ta' prijorità, u b'hekk tiġi żgurata l-koerenza fl-implimentazzjoni fil-livell xieraq. Il-Kummissjoni ħabbret li se ttejjeb il-mod kif il-linji gwida tagħha għal regolamentazzjoni aħjar u l-għodod ta' appoġġ jindirizzaw kwistjonijiet ta' sostenibbiltà u innovazzjoni, bl-objettiv li l-inizjattivi kollha tal-UE jissodisfaw il-prinċipju ekoloġiku ta' "la tagħmilx ħsara".

Artikolu 4

Filwaqt li l-istrumenti leġiżlattivi ambjentali individwali jeħtieġu rapportar regolari mill-Istati Membri dwar politiki ambjentali speċifiċi, ma hemm l-ebda qafas komprensiv previst fid-dritt tal-UE biex jiġi żgurat approċċ ikkoordinat għall-kisba ġenerali tal-objettivi ambjentali tal-Unjoni. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew ħabbar li l-Programm ta' Azzjoni Ambjentali l-ġdid se jinkludi mekkaniżmu ġdid ta' monitoraġġ sabiex jiżgura li l-Unjoni tibqa' fit-triq it-tajba biex tilħaq l-objettivi ambjentali tagħha.

Dan il-qafas ta' monitoraġġ tat-tmien EAP għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-għodod eżistenti ta' rappurtar u governanza ambjentali u klimatiċi, inklużi dawk tal-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika.

– *Il-kejl tal-progress lejn l-objettivi ambjentali u klimatiċi fil-kuntest usa' tas-sostenibbiltà, il-benesseri u r-reżiljenza*

Il-kejl tal-progress tal-UE u tal-Istati Membri tagħha lejn il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU għall-2030 jeħtieġ qafas integrat għall-objettivi ambjentali, soċjali u ekonomiċi. Il-Kunsill[15] u l-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew[16] talbu biex jitkejlu l-prestazzjoni ekonomika u l-progress tas-soċjetà "lil hinn mill-PDG" u biex isir ċaqliq lejn l-użu tal-"benesseri" bħala kumpass għall-politika, li huwa pass appoġġat ukoll mill-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi[17]. Il-Membri tal-Parlament Ewropew organizzaw il-Konferenza ta' Wara t-Tkabbir tal-2018[18] flimkien mal-partijiet ikkonċernati.

---

15 Ara perezmpju https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-10414-2019-INIT/mt/pdf.

16 https://www.eesc.europa.eu/mt/our-work/opinions-information-reports/opinions/reflection-paper-towards-sustainable-europe-2030.

17 Ara pereżempju l-*OECD Well-being Framework*, l-*OECD Framework for Policy Action on Inclusive Growth*, il-*Better Life Initiative* u n-*New Approaches to Economic Challenges Initiative*.

18 https://www.postgrowth2018.eu/

F'dan il-kuntest, it-tmien qafas ta' monitoraġġ tal-EAP se jipprovdi l-kontribut ambjentali u klimatiku għall-isforzi ġenerali tal-UE biex jitkejjel il-progress lejn is-sostenibbiltà, il-benesseri u r-reżiljenza, inkluża r-reżiljenza għad-diżastri; għandu jinforma lil dawk li jfasslu l-politika u lill-partijiet ikkonċernati dwar jekk l-Unjoni u l-Istati Membri jkunux jinsabu fit-triq it-tajba biex jiksbu trasformazzjoni sistemika.

L-istabbiliment tat-tmien qafas ta' monitoraġġ tal-EAP għandu jitqies ukoll fil-kuntest ta' eżerċizzji oħra ta' governanza u monitoraġġ, b'mod partikolari s-Semestru Ewropew, ir-Rapport ta' Monitoraġġ tal-SDGs tal-Eurostat u r-Rapport Annwali ta' Prospettiva Strateġika, li jibnu wkoll fuq id-*data* disponibbli u jużaw indikaturi li huma l-aktar rilevanti għall-objettivi politiċi rispettivi. Filwaqt li dawn l-għodod ta' governanza u monitoraġġ iservu skopijiet differenti, għandhom ikunu dejjem aktar interkonnessi bil-ħsieb li jkomplu jtejbu l-koerenza tagħhom.

– *Lejn sett ta' indikaturi ewlenin tat-tmien EAP*

Il-monitoraġġ tas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali sar mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, li ppubblikat rapporti annwali dwar l-indikaturi ambjentali[19]. Ġiet żviluppata tabella ta' valutazzjoni ta' kważi 30 indikatur biex timmonitorja l-objettivi prijoritarji tas-seba' EAP.

Il-qafas ta' monitoraġġ tat-tmien EAP għandu jirrifletti l-objettivi prijoritarji ġodda tiegħu. Għandu jinkludi għadd limitat ta' indikaturi ewlenin għal komunikazzjoni ta' livell għoli, li jagħtu storja koerenti dwar l-istat tal-ambjent, il-pressjonijiet ewlenin u l-effettività tar-rispons tagħna. Dawk l-indikaturi għandhom ikunu rilevanti wkoll għall-għanijiet ġenerali taż-żieda fil-benesseri u r-reżiljenza tal-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna.

L-għażla ta' indikaturi ewlenin tat-tmien EAP se tqis kif xieraq il-flussi ta' ħidma li jinsabu għaddejjin biex jitjieb il-monitoraġġ tal-bijodiversità, l-ekonomija ċirkolari u t-tniġġis żero, li kollha għandhom jiġu ffinalizzati sal-2021/22, kif ukoll għodod oħra ta' monitoraġġ li jkopru l-politika ambjentali u klimatika, inkluża l-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika. Għandha tibni fuq id-*data* disponibbli fl-Istati Membri u fil-livell tal-UE, b'mod partikolari dik imħaddma mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent kif ukoll mis-Sistema Statistika Ewropea.

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għandhom jappoġġaw lill-Kummissjoni fit-titjib tad-disponibbiltà u r-rilevanza tad-*data*. Dan jinkludi l-għeluq tad-diskrepanzi fl-indikaturi, b'mod partikolari l-monitoraġġ tal-politika relatata mal-ambizzjoni ta' tniġġis żero u r-rabtiet bejn il-politiki ambjentali, soċjali u tas-saħħa.

L-istabbiliment tat-tmien qafas ta' monitoraġġ tal-EAP se jkun appoġġat minn bażi ta' *data* ġdida ta' indikaturi ambjentali — librerija online u aċċessibbli faċilment ta' indikaturi li toħloq ħarsa ġenerali kompluta u strutturata lejn il-mijiet ta' indikaturi ambjentali eżistenti.

– *Il-Limiti Planetarji*

Il-proċess għall-iżvilupp tat-tmien qafas ta' monitoraġġ tal-EAP se jipprovdi opportunità biex jiġi esplorat il-potenzjal tal-fluss tax-xogħol li għaddej fiċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u oħrajn dwar il-limiti planetarji (eż. l-użu tal-ilma ħelu, it-tibdil fl-użu tal-art, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani) u dwar l-impronta tal-konsum tal-Unjoni, inkluża d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti f'pajjiżi terzi.

Filwaqt li x-xjenza dwar il-klima u b'mod partikolari l-ħidma tal-Bord Internazzjonali dwar it-Tibdil fil-Klima jipprovdu *data* u informazzjoni affidabbli dwar il-livell ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra kompatibbli mal-objettiv tal-Ftehim ta' Pariġi li ż-żieda fit-temperatura globali

[19] Ara pereżempju https://www.eea.europa.eu/publications/environmental-indicator-report-2018

tinżamm sew taħt iż-2°C u jkomplu bl-isforzi biex dan jiġi limitat sa 1.5°C meta mqabbel mal-livelli preindustrijalizzati, il-ħidma għal limiti planetarji oħra għadha għaddejja. Il-progress fuq dan ix-xogħol huwa importanti biex dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet ikkonċernati jkunu infurmati dwar jekk il-politiki ambjentali humiex ambizzjużi biżżejjed biex l-Ewropa tibqa' fl-ispazju operattiv sikur tal-pjaneta[20].

– *Proċess ta' konsultazzjoni dwar l-indikaturi ewlenin tat-tmien EAP*

Il-Kummissjoni se tniedi proċess ta' konsultazzjoni wiesa' ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati biex tfassal qafas komprensiv ta' monitoraġġ tat-tmien EAP, ibbażat fuq dokument konsultattiv li jiddeskrivi l-metodoloġija proposta u l-passi li għandhom jittieħdu.

Abbażi ta' dawn il-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni beħsiebha tippreżenta indikatur ewlieni tat-tmien EAP stabbilit sa tmiem l-2021.

Il-proċedura se tkun ikkoordinata mill-qrib mal-flussi ta' ħidma li għaddejjin imħabbra mill-Patt Ekoloġiku Ewropew biex ifassal jew jirrieżamina l-oqfsa ta' monitoraġġ għall-ekonomija ċirkolari, il-bijodiversità u tniġġis żero biex tiġi żgurata koerenza ġenerali u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv.

<u>Artikolu 5 – Evalwazzjoni</u>

L-Artikolu 5 jipprevedi evalwazzjoni tat-tmien EAP fl-2029, qabel ma jiskadi sa tmiem l-2030.

[20] COM(2020) 98 final, paġna 18.

2020/0300 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[21],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[22],

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġiżlattiva,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 192(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-programmi ġenerali ta' azzjoni ambjentali pprovdew il-qafas għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent u l-klima mill-1973.

(2) Id-Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23] stabbiliet is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali (is-Seba' EAP), li jistabbilixxi l-aġenda ambjentali tal-Unjoni sal-31 ta' Diċembru 2020 kif ukoll viżjoni fit-tul għall-2050.

(3) L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tas-seba' EAP[24] ikkonkludiet li l-viżjoni tiegħu sal-2050 u l-objettivi prijoritarji għadhom validi; li għen biex jipprovdi azzjoni aktar prevedibbli, rapida u kkoordinata fil-politika ambjentali; u li l-istruttura u l-qafas ta' abilitazzjoni tiegħu għenu biex jinħolqu sinerġiji, u b'hekk il-politika ambjentali saret aktar effettiva u effiċjenti. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni kkonkludiet li s-seba' EAP antiċipa l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti billi insista li t-tkabbir ekonomiku u l-benesseri soċjali jiddependu fuq bażi ta' riżorsi naturali b'saħħitha, u ffaċilita t-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Dan ippermetta wkoll li l-Unjoni titkellem b'vuċi waħda fix-xena globali dwar kwistjonijiet klimatiċi u ambjentali. Fl-evalwazzjoni tagħha tas-seba' EAP, il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li l-progress relatat mal-ħarsien tan-natura, is-saħħa u l-integrazzjoni tal-politika ma kienx biżżejjed.

(4) Skont ir-rapport tal-EEA "The European environment – state and outlook 2020, Knowledge for transition to a sustainable Europe" ("SOER 2020"), l-2020 tirrappreżenta tieqa unika ta' opportunità għall-Unjoni biex turi tmexxija fuq is-sostenibbiltà u biex tiffaċċja l-isfidi urġenti ta' sostenibbiltà li jeħtieġu soluzzjonijiet sistemiċi. Kif intqal fis-SOER 2020, il-bidliet fil-klima u l-ekosistemi globali osservati

21 Daħħal jekk il-KESE jadotta opinjoni dwar il-proposta
22 Daħħal jekk il-KtR jadotta opinjoni dwar il-proposta
23 ĠU L 354, 28.12.2013, p. 171
24 COM(2019) 233 final.

mis-snin 50 ’l hawn huma bla preċedent għal għexieren ta’ snin sa millenja. Il-popolazzjoni globali ttriplat mill-1950, filwaqt li l-popolazzjoni li tgħix fil-bliet żdiedet b’erba’ darbiet. Bil-mudell ta’ tkabbir attwali, il-pressjonijiet ambjentali huma mistennija li jkomplu jiżdiedu, u dan jikkawża effetti diretti u indiretti ta’ ħsara fuq is-saħħa u l-benesseri tal-bniedem. Dan jgħodd b’mod speċjali għas-setturi bl-ogħla impatt ambjentali – l-ikel, il-mobbiltà, l-enerġija kif ukoll l-infrastruttura u l-bini.

(5) Il-Kummissjoni Ewropea wieġbet għall-isfidi identifikati fl-SOER 2020 billi adottat il-Patt Ekoloġiku Ewropew[25]: strateġija ġdida għat-tkabbir għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali doppja li għandha l-għan li tittrasforma lill-Unjoni f’soċjetà ġusta u prospera, b’ekonomija kompetittiva, newtrali għall-klima u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi. Ir-Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26] inaqqax fil-liġi l-mira tal-Unjoni li sal-2050 tintlaħaq in-newtralità klimatika.

(6) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jirfed il-Pjan ta’ Rkupru tal-UE tal-Ġenerazzjoni li Jmiss li jippromwovi l-investimenti f’setturi ekoloġiċi ewlenin meħtieġa biex tinbena r-reżiljenza, u joħloq it-tkabbir u l-impjiegi f’soċjetà ġusta u inklużiva. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li se tagħti setgħa lill-irkupru ekonomiku tal-Unjoni mill-kriżi tal-coronavirus flimkien mal-baġit tal-Unjoni għall-2021-2027, hija bbażata wkoll fuq l-objettivi prijoritarji stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew. Barra minn hekk, l-inizjattivi kollha taħt il-Pjan ta’ Rkupru tal-UE tal-Ġenerazzjoni li Jmiss jenħtieġ li jirrispettaw il-prinċipju tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ta’ “la tagħmilx ħsara”.

(7) Programmi ta’ azzjoni ambjentali ilhom jiggwidaw l-iżvilupp tal-politika ambjentali tal-UE sa mill-bidu tas-snin 70. Is-seba’ EAP se jiskadi fil-31 ta’ Diċembru 2020 u l-Artikolu 4(3) tiegħu jirrikjedi li l-Kummissjoni, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta għat-Tmien Programm ta’ Azzjoni Ambjentali (it-tmien EAP) fil-ħin bil-ħsieb li jiġi evitat distakk bejn is-seba’ u t-tmien EAP. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew ħabbar l-adozzjoni ta’ programm ġdid ta’ azzjoni ambjentali.

(8) It-tmien EAP jenħtieġ li jappoġġa l-objettivi tal-ambjent u tal-azzjoni klimatika tal-Patt Ekoloġiku Ewropew f’konformità mal-objettiv fit-tul li “ngħixu tajjeb, fi ħdan il-limiti planetarji” sal-2050, li diġà huwa stabbilit fis-seba’ EAP. Jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli tagħha.

(9) It-tmien EAP jenħtieġ li jħaffef it-tranżizzjoni lejn ekonomija riġenerattiva li tagħti lura lill-pjaneta aktar milli tieħu. Mudell ta’ tkabbir riġenerattiv jirrikonoxxi li l-benesseri u l-prosperità tas-soċjetajiet tagħna jiddependu fuq klima stabbli, ambjent b’saħħtu u ekosistemi b’saħħithom, li jipprovdu spazju operattiv sikur għall-ekonomiji tagħna. Filwaqt li l-popolazzjoni globali u d-domanda għar-riżorsi naturali qed ikomplu jikbru, l-attività ekonomika għandha tiżviluppa b’mod li ma jagħmilx ħsara iżda, għall-kuntrarju, treġġa’ lura t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, timminimizza t-tniġġis u tirriżulta fiż-żamma u t-tisħiħ tal-kapital naturali, biex b’hekk tiġi żgurata l-abbundanza ta’ riżorsi rinnovabbli u mhux rinnovabbli. Permezz tal-innovazzjoni kontinwa, l-adattament għal sfidi ġodda u l-ħolqien konġunt, l-ekonomija riġenerattiva ssaħħaħ ir-reżiljenza u tipproteġi l-benesseri tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

(10) It-tmien EAP għandu jistabbilixxi objettivi tematiċi prijoritarji fl-oqsma tan-newtralità klimatika, l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità,

[25] COM(2019) 640 final.
[26] COM(2020) 80 final.

l-ekonomija ċirkolari, l-ambizzjoni ta' tniġġis żero u t-tnaqqis tal-pressjonijiet ambjentali mill-produzzjoni u l-konsum. Barra minn hekk, għandha tidentifika l-kundizzjonijiet abilitanti biex jinkisbu l-objettivi fit-tul u l-prijoritajiet tematiċi għall-atturi kollha involuti.

(11) Billi l-politika ambjentali hija deċentralizzata ħafna, għandha tittieħed azzjoni biex jinkisbu l-objettivi prijoritarji tat-tmien EAP f'livelli differenti ta' governanza, jiġifieri fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali, b'approċċ kollaborattiv għall-governanza f'diversi livelli. L-approċċ integrat għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika għandu jissaħħaħ bil-ħsieb li jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn l-objettivi ekonomiċi, ambjentali u soċjali, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-kompromessi potenzjali u lill-ħtiġijiet tal-gruppi vulnerabbli. Barra minn hekk, l-involviment trasparenti ta' atturi mhux governattivi huwa importanti biex jiżgura s-suċċess tat-tmien EAP u l-ksib tal-objettivi prijoritarji tiegħu.

(12) Il-kooperazzjoni msaħħa mal-pajjiżi sħab, il-governanza ambjentali globali tajba kif ukoll is-sinerġiji bejn il-politiki interni u esterni tal-Unjoni huma kruċjali biex jintlaħqu l-objettivi ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni.

(13) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tivvaluta l-progress fil-kisba tal-objettivi prijoritarji tat-tmien EAP mill-Unjoni u l-Istati Membri fil-kuntest tat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà, il-benesseri u r-reżiljenza akbar. Dan huwa konformi mat-talbiet tal-Kunsill[27] u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[28] għall-kejl tal-prestazzjoni ekonomika u l-progress tas-soċjetà "lil hinn mill-PDG", u l-mixja lejn l-użu tal-benesseri bħala kumpass għall-politika, li hija appoġġata wkoll mill-OECD[29].

(14) Il-valutazzjoni tal-progress lejn l-objettivi prijoritarji tat-tmien EAP għandha tirrifletti l-aħħar żviluppi fir-rigward tad-disponibbiltà u r-rilevanza tad-*data* u l-indikaturi. Jenħtieġ li tkun koerenti mal-għodod ta' monitoraġġ jew governanza u mingħajr preġudizzju għalihom, li jkopru aspetti aktar speċifiċi tal-politika ambjentali u klimatika, bħal b'mod partikolari r-Regolament 1999/2018 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30], ir-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali jew għodod ta' monitoraġġ relatati mal-ekonomija ċirkolari, mat-tniġġis żero, mal-bijodiversità, mal-arja, mal-ilma, mal-ħamrija, mal-iskart, jew ma' kwalunkwe politika ambjentali oħra. Flimkien ma' għodod oħra użati fis-Semestru Ewropew, il-Monitoraġġ tal-SDGs tal-Eurostat u fir-Rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-Kummissjoni[31], dan ikun parti minn sett koerenti interkonness ta' għodod ta' monitoraġġ u governanza.

(15) Il-Kummissjoni u l-EEA u aġenziji rilevanti oħra jenħtieġ li jaċċessaw u jużaw mill-ġdid id-*data* u l-indikaturi pprovduti mill-Istati Membri skont l-atti legali applikabbli tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ lijintużaw sorsi oħra ta' *data*, bħal *data* satellitari u informazzjoni pproċessata mill-Programm Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Dinja (Copernicus), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar in-Nirien fil-Foresti u s-Sistema Ewropea ta' Sensibilizzazzjoni dwar l-Għargħar, jew pjattaformi ta' *data* bħan-Network Ewropew ta' Osservazzjoni u *Data* Marittima jew il-Pjattaforma ta'

---

27 Ara pereżempju https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-10414-2019-INIT/mt/pdf

28 https://www.eesc.europa.eu/en/our-work/opinions-information-reports/opinions/reflection-paper-towards-sustainable-europe-2030.https://www.eesc.europa.eu/mt/our-work/opinions-information-reports/opinions/reflection-paper-towards-sustainable-europe-2030.

29 Ara pereżempju l-*OECD Well-being Framework*, l-*OECD Framework for Policy Action on Inclusive Growth*, il-*Better Life Initiative* u n-*New Approaches to Economic Challenges Initiative*.

30 Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, *ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1-77.*

31 COM/2020/493 final.

Informazzjoni għall-Monitoraġġ tas-Sustanzi Kimiċi. L-applikazzjoni ta' għodod diġitali moderni u intelliġenza artifiċjali tippermetti l-ġestjoni u l-analiżi tad-*data* b'mod effettiv u b'hekk tnaqqas il-piż amministrattiv filwaqt li żżid il-puntwalità u l-kwalità.

(16) Barra minn hekk, skont ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttivi 2003/4/KE, 2007/2/KE u 2019/1024/UE mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li d-*data*, l-informazzjoni u l-indikaturi rilevanti għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tat-tmien EAP ikunu disponibbli liberament, mhux diskriminatorji, b'aċċess miftuħ, adegwat, ta' kwalità għolja, komparabbli, aġġornati, faċli għall-utent u aċċessibbli faċilment online.

(17) Sabiex jintlaħqu l-objettivi prijoritarji tat-tmien EAP, l-EEA u l-ECHA jenħtieġ li jkunu mgħammra b'kapaċità adegwata u riżorsi suffiċjenti biex jiżguraw bażi ta' għarfien u evidenza soda, aċċessibbli u trasparenti biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet strateġiċi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-valutazzjoni tal-progress taħt il-programm.

(18) Sabiex jitqiesu l-objettivi politiċi li qed jevolvu u l-progress li sar, it-tmien EAP jenħtieġ li jiġi evalwat mill-Kummissjoni fl-2029.

(19) Peress li l-objettivi ta' din id-Deċiżjoni ma jistgħux jintlaħqu għalkollox mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-programm ta' azzjoni propost, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1 — Suġġett

1. Din id-deċiżjoni tistabbilixxi programm ta' azzjoni ġenerali fil-qasam tal-ambjent għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2030 ("it-tmien EAP"). Dan jistabbilixxi l-objettivi prijoritarji tiegħu, jidentifika l-kundizzjonijiet abilitanti għall-kisba tagħhom u jistabbilixxi qafas biex jitkejjel jekk l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jinsabux fit-triq it-tajba biex jilħqu dawk l-objettivi prijoritarji.
2. It-tmien EAP għandu l-għan li jħaffef it-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali mil-lat ta' klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, nadifa u ċirkolari b'mod ġust u inklużiv, u japprova l-objettivi ambjentali u klimatiċi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-inizjattivi tiegħu.
3. It-tmien EAP huwa l-bażi għall-kisba tal-objettivi ambjentali u klimatiċi ddefiniti skont l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha u l-qafas ta' monitoraġġ tagħha jikkostitwixxi l-parti ambjentali u klimatika tal-isforzi tal-UE biex tkejjel il-progress lejn sostenibbiltà akbar, inklużi n-newtralità klimatika u l-effiċjenza tar-riżorsi, il-benesseri u r-reżiljenza.

Artikolu 2 – Objettivi prijoritarji

1. It-tmien EAP għandu l-objettiv prijoritarju fit-tul għall-2050 li ċ-ċittadini jgħixu tajjeb, fi ħdan il-limiti planetarji f'ekonomija riġenerattiva fejn ma jinħela xejn, li ma jiġu prodotti l-ebda emissjonijiet netti ta' gassijiet serra u li t-tkabbir ekonomiku jiġi

diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi u mid-degradazzjoni ambjentali. Ambjent b'saħħtu jirfed il-benesseri taċ-ċittadini, isaħħaħ il-bijodiversità u jipproteġi, jirrestawra u jagħti valur lill-kapital naturali b'modi li jtejbu r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u riskji ambjentali oħra. L-Unjoni tistabbilixxi l-pass biex tiżgura l-prosperità tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri globalment.

2. It-tmien EAP għandu s-sitt objettivi tematiċi prijoritarji li ġejjin:

(a) it-tnaqqis irriversibbli u gradwali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u t-titjib tal-assorbimenti minn bjar naturali u oħrajn fl-Unjoni biex tinkiseb il-mira tal-2030 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050 kif stabbilit fir-Regolament (UE) …/[32];

(b) progress kontinwu fit-titjib tal-kapaċità ta' adattament, it-tisħiħ tar-reżiljenza u t-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima;

(c) il-progress lejn mudell ta' tkabbir riġenerattiv li jagħti lura lill-pjaneta aktar milli jieħu, id-diżakkoppjar tat-tkabbir ekonomiku mill-użu tar-riżorsi u d-degradazzjoni ambjentali, u l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari;

(d) li tiġi segwita ambizzjoni ta' tniġġis żero għal ambjent mhux tossiku, inkluż għall-arja, l-ilma u l-ħamrija, u li jiġu protetti s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u impatti relatati mal-ambjent;

(e) il-protezzjoni, il-preżervazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u t-titjib tal-kapital naturali, b'mod partikolari l-arja, l-ilma, il-ħamrija, u l-foresti, l-ilma ħelu, l-art mistagħdra u l-ekosistemi marittimi;

(f) il-promozzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali u t-tnaqqis tal-pressjonijiet ambjentali u klimatiċi ewlenin relatati mal-produzzjoni u l-konsum, b'mod partikolari fl-oqsma tal-enerġija, l-iżvilupp industrijali, il-bini u l-infrastruttura, il-mobbiltà u s-sistema tal-ikel.

Artikolu 3 – Kundizzjonijiet li jippermettu li jintlaħqu l-objettivi prijoritarji ta' dan il-programm

1. Biex jintlaħqu l-objettivi prijoritarji tat-tmien EAP se jkun meħtieġ:

(a) l-iżgurar ta' implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ambjent u l-klima u li jkun hemm sforz għall-eċċellenza fil-prestazzjoni ambjentali fil-livelli tal-Unjoni, kif ukoll fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali inkluż permezz tal-provvista ta' kapaċità xierqa ta' assigurazzjoni amministrattiva u ta' konformità, kif stipulat fir-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali, kif ukoll it-tisħiħ tal-azzjoni kontra r-reati ambjentali,

(b) it-tisħiħ tal-approċċ integrat għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika, b'mod partikolari billi:

– jiġu integrati l-objettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 2 fl-istrateġiji, l-inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, il-programmi, l-investimenti u l-proġetti kollha rilevanti fil-livelli tal-Unjoni, kif ukoll fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex dawn u l-implimentazzjoni tagħhom ma jagħmlu l-ebda ħsara lil xi wieħed mill-objettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 2;

---

[32] COM/2020/80 final.

– il-massimizzazzjoni tal-benefiċċji mill-implimentazzjoni tad-Direttivi 2014/52/UE[33] u 2001/42/KE[34] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

– tingħata attenzjoni partikolari lis-sinerġiji u l-kompromessi potenzjali bejn l-objettivi ekonomiċi, ambjentali u soċjali sabiex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet taċ-ċittadini għan-nutrizzjoni, l-akkomodazzjoni u l-mobbiltà jintlaħqu b'mod sostenibbli li ma jħalli lil ħadd lura;

– l-evalwazzjoni regolari tal-politiki eżistenti u t-tħejjija tal-valutazzjonijiet tal-impatt għal inizjattivi ġodda, li huma bbażati fuq konsultazzjonijiet wiesgħa li jsegwu proċeduri li huma responsabbli, inklużivi, infurmati u sempliċi biex jiġu implimentati, u li jagħtu l-attenzjoni dovuta lill-impatti mbassra fuq l-ambjent u l-klima;

(c) l-integrazzjoni effettiva tas-sostenibbiltà ambjentali u klimatika fis-Semestru Ewropew tal-governanza ekonomika, inkluż fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u l-Pjanijiet Nazzjonali ta' Rkupru u Reżiljenza;

(d) il-mobilizzazzjoni ta' investimenti sostenibbli minn sorsi pubbliċi u privati, inklużi fondi u strumenti disponibbli taħt il-baġit tal-Unjoni, permezz tal-Bank Ewropew tal-Investiment u fil-livell nazzjonali;

(e) it-tneħħija gradwali ta' sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, l-aħjar użu ta' strumenti bbażati fuq is-suq u għodod ta' bbaġitjar ekoloġiku, inklużi dawk meħtieġa biex tiġi żgurata tranżizzjoni soċjalment ġusta, u l-appoġġ lin-negozji u lil partijiet ikkonċernati oħrajn fl-iżvilupp ta' prattiki standardizzati ta' kontabbiltà tal-kapital naturali;

(f) l-iżgurar li l-politiki u l-azzjoni ambjentali jkunu bbażati fuq l-aħjar għarfien xjentifiku disponibbli u t-tisħiħ tal-bażi tal-għarfien ambjentali u l-adozzjoni tagħha, inkluż permezz tar-riċerka, l-innovazzjoni, it-trawwim ta' ħiliet ekoloġiċi, u l-bini ulterjuri tal-kontabbiltà ambjentali u tal-ekosistemi;

(g) l-użu tal-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali u tad-*data* biex jappoġġaw il-politika ambjentali filwaqt li jimminimizzaw l-impronta ambjentali tagħhom;

(h) l-użu sħiħ tas-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u l-innovazzjoni soċjali;

(i) l-applikazzjoni effettiva ta' standards għoljin għat-trasparenza, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku u l-aċċess għall-ġustizzja skont il-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (il-Konvenzjoni ta' Aarhus)[35];

(j) tagħmel id-*data* u l-evidenza marbuta mal-implimentazzjoni tat-tmien EAP disponibbli pubblikament u aċċessibbli faċilment, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar il-kunfidenzjalità fil-leġiżlazzjoni speċifika għall-qasam;

---

[33] Id-Direttiva 2014/52/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/92/UE dwar il-valutazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, Test b'rilevanza għaż-ŻEE, ĠU L 124, 25.4.2014, p. 1–18.

[34] Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent, ĠU L 197, 21.7.2001.

[35] https://www.unece.org/fileadmin/DAM/env/pp/documents/cep43e.pdf.

(k) l-appoġġ għall-adozzjoni globali tal-objettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 2, filwaqt li tiġi żgurata l-koerenza bejn l-approċċi interni u esterni u l-azzjoni koordinata, b'mod partikolari fir-rigward:

– tal-involviment ma' pajjiżi sħab dwar azzjoni klimatika u ambjentali, l-inkoraġġiment u l-appoġġ tagħhom biex jadottaw u jimplimentaw regoli f'dawn l-oqsma li huma ambizzjużi daqs dawk tal-Unjoni, u l-iżgurar li l-prodotti kollha mqiegħda fis-suq tal-Unjoni jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti rilevanti tal-Unjoni f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni;

– tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-gvernijiet, in-negozji u s-soċjetà ċivili f'pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali biex jiffurmaw sħubiji u alleanzi għall-protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni ambjentali fil-G7 u l-G20;

– tat-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u ftehimiet ambjentali multilaterali oħrajn mill-Unjoni u s-sħab tagħha, inkluż billi jiżdiedu t-trasparenza u r-responsabbiltà fir-rigward tal-progress dwar l-impenji li saru skont dawk il-ftehimiet;

– tat-tisħiħ tal-governanza ambjentali internazzjonali billi jitneħħew il-lakuni li fadal u jissaħħaħ ir-rispett għal u l-applikazzjoni ta' prinċipji ambjentali internazzjonali rikonoxxuti;

– tal-iżgurar li l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni u tal-Istati Membri lil pajjiżi terzi tippromwovi l-Aġenda 2030 tan-NU.

2. Biex jintlaħqu l-objettivi prijoritarji tat-tmien EAP se jkun hemm bżonn li jiġi mobilizzat appoġġ wiesa' billi jiġu involuti ċ-ċittadini, is-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati oħra, u titħeġġeġ il-kooperazzjoni fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji, politiki jew leġiżlazzjoni relatati mat-tmien EAP fost l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, f'żoni urbani u rurali.

Artikolu 4 - Qafas ta' monitoraġġ

1. Il-Kummissjoni, appoġġata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, għandha tivvaluta u tirrapporta dwar il-progress tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-kisba tal-objettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 2 fuq bażi regolari, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 3.

2. Il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tirrifletti l-aħħar żviluppi fir-rigward tad-disponibbiltà u r-rilevanza tad-*data* u l-indikaturi, abbażi tad-*data* disponibbli fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk imħaddma mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u s-Sistema Statistika Ewropea. Din il-valutazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-oqfsa u l-eżerċizzji eżistenti ta' monitoraġġ, rapportar u governanza li jkopru l-politika ambjentali u klimatika.

3. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għandhom jappoġġaw lill-Kummissjoni fit-titjib tad-disponibbiltà u r-rilevanza tad-*data* u l-għarfien, b'mod partikolari billi jwettqu dan li ġej:

(a) il-ġbir, l-ipproċessar u r-rapportar ta' evidenza u *data* b'għodod diġitali moderni;

(b) il-ħidma lejn l-għeluq tal-lakuni rilevanti fid-*data* tal-monitoraġġ;

(c) it-twassil ta' analiżi rilevanti għall-politika u sistemika, u l-kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-politika fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali;

(d) l-integrazzjoni tad-*data* dwar l-impatti ambjentali, soċjali u ekonomiċi, u l-isfruttar sħiħ ta' *data* disponibbli oħra, bħal dik mogħtija minn Copernicus;

(e) it-titjib ulterjuri tal-aċċess għad-*data* permezz tal-programmi tal-Unjoni;

(f) l-iżgurar tat-trasparenza u tar-responsabbiltà;

(g) l-għajnuna lis-soċjetà ċivili, lill-awtoritajiet pubbliċi, liċ-ċittadini, lis-sħab soċjali u lis-settur privat biex jidentifikaw ir-riskji klimatiċi u ambjentali u jieħdu azzjoni biex jipprevjenu, jimmitigaw u jadattaw ruħhom għalihom, u jrawmu l-involviment tagħhom biex jagħlqu d-diskrepanzi fl-għarfien.

4. Il-Kummissjoni għandha teżamina regolarment il-ħtiġijiet tad-*data* u l-għarfien fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, inkluża l-kapaċità tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi li jwettqu l-kompiti msemmija fil-paragrafu 3.

Artikolu 5 – Evalwazzjoni

Sal-31 ta' Marzu 2029, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tat-tmien EAP. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jkun fih is-sejbiet ewlenin ta' dik l-evalwazzjoni, akkumpanjat, jekk il-Kummissjoni tqis xieraq, minn proposta leġiżlattiva għall-programm ta' azzjoni ambjentali li jmiss.

Artikolu 6 – Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA – "AĠENZIJI"

Werrej

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA 1
2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ 2
3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET U L-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI 2
4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI 3
5. ELEMENTI OĦRA 3
1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA 16
1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva 16
1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat/i 16
1.3. Il-proposta hija marbuta ma' 16
1.4. Objettiv(i) 16
1.4.1. Objettiv(i) ġenerali 16
1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi 16
1.4.3. Riżultati u impatt mistenni 21
1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva 21
1.5.1. Rekwiżit(i) li għandhom jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-prosegwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva 21
1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. titjib fil-koordinazzjoni, ċertezza legali, effettività jew komplementarjetajiet akbar). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li huwa addizzjonali għall-valur li nkella kien jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom. 21
1.5.3. Lezzjonijiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat 22
1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn 22
1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni 22
1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva 23
1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i) 23
2. MIŻURI TA' ĠESTJONI 24
2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar 24
2.2. Sistema(i) ta' ġestjoni u kontroll 24
2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu(i) għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll proposta......... 24

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema(i) ta' kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom 25
2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"ispejjeż tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq) 25
2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet 25
3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA 25
3.1. Intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwata(i) 25
3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa 27
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa 27
3.2.2. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet tal-EEA u l-ECHA 29
3.2.3. Stima tal-impatt fuq ir-riżorsi umani tal-EEA u l-ECHA 30
3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali 33
3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi 33
3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul 33

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA SUPPLIMENTARI - "AĠENZIJI"

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm ta' Azzjoni Ġenerali tal-Unjoni għall-Ambjent sal-2030 biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali mil-lat tal-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u riġenerattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat/i

Oqsma ta' politika: 09 Ambjent u Azzjoni dwar il-Klima

Attivitajiet:

09 02 - Il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)

09 10 - L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

1.3. Il-proposta hija marbuta ma'

☑ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja[36]

☑ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni ta' azzjoni waħda jew aktar f'azzjoni oħra/f'azzjoni ġdida

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

Taċċellera t-tranżizzjoni tal-Unjoni għal ekonomija newtrali mil-lat tal-klima, nadifa, effiċjenti fir-riżorsi u restorattiva b'mod ġust u inklużiv u li tikseb l-objettivi ambjentali tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, filwaqt li tapprova bis-sħiħ l-objettivi ambjentali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Tikkontribwixxi għal qafas ta' monitoraġġ u rapportar li jkun integrat, koerenti u multidixxiplinarju b'mod aħjar għall-politiki ambjentali u klimatiċi, b'rispons sħiħ għall-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, l-SDGs, u l-Patt Ekoloġiku Ewropew (EGD).

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Fl-2015, ġew stabbiliti ftehimiet internazzjonali bl-adozzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima (COP21). Dawn l-impenji u l-għarfien dejjem jikber tal-urġenza biex jiġu indirizzati t-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali u r-riskji għas-sostenibbiltà jeħtieġu t-tmien EAP effettiv tal-UE.

L-Istat u l-prospetti tal-Ambjent Ewropew 2020 (SOER 2020), ippreżentati mill-EEA fl-4 ta' Diċembru 2019 irrapportaw dwar l-isfidi attwali tal-Ewropa fil-qasam tal-ambjent, il-klima u s-sostenibbiltà ta' skala u urġenza mingħajr preċedent; dawn l-isfidi jeħtieġu azzjoni immedjata u konġunta u soluzzjonijiet sistemiċi urġenti. Filwaqt li l-isforzi ta' politika riċenti tal-UE ġabu benefiċċji sinifikanti, għad hemm problemi fir-rigward tat-telf tal-bijodiversità, l-użu tar-riżorsi, il-ħtieġa li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima u l-impatti u r-riskji tiegħu għas-saħħa u l-benesseri tal-bniedem. Sabiex jitnaqqsu d-differenzi bejn l-istat tal-ambjent u l-miri

[36] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

ambjentali sal-2030, tibqa' rilevanti enfasi fuq l-implimentazzjoni, li teħtieġ finanzjament, involviment tal-partijiet ikkonċernati, approċċ kollaborattiv għal governanza f'diversi livelli u bażi ta' għarfien b'saħħitha. Hemm bżonn ta' żvilupp ta' oqfsa ta' politika aktar sistemiċi fit-tul, innovazzjoni għall-bidla fis-soċjetà, ir-riorjentazzjoni tal-investiment u l-finanzjament u l-ġestjoni ta' tranżizzjoni soċjalment ġusta.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, ippreżentat fil-11 ta' Diċembru 2019, ħabbar it-tmien EAP b'funzjoni kumplimentari, li se jgħin biex jiġu żgurati l-implimentazzjoni, l-infurzar u t-twettiq effettiv tal-politiki u l-leġiżlazzjoni ambjentali u klimatiċi u jinkludi qafas ta' monitoraġġ ġdid. Din il-proposta tippreżenta Deċiżjoni għat-tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali sal-2030 biex titħaffef it-tranżizzjoni għal ekonomija newtrali mil-lat ta' klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u riġenerattiva, li timmira lejn l-appoġġ tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Waħda mill-azzjonijiet ewlenin inklużi fit-tmien EAP, imħabbra mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, hija qafas ġdid ta' monitoraġġ biex jitkejjel il-progress tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fl-implimentazzjoni tal-objettivi prijoritarji tal-programm u l-viżjoni tiegħu sal-2050 biex "ngħixu tajjeb, fi ħdan il-limiti planetarji". Tabilħaqq, filwaqt li l-UE stabbiliet diversi oqfsa ta' monitoraġġ li jkejlu l-progress lejn objettivi ambjentali speċifiċi miftiehma, s'issa ma hemm l-ebda qafas komprensiv stabbilit fil-liġi tal-UE biex jiżgura approċċ koordinat għall-kisba ġenerali tal-objettivi ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni u għall-kontribut tagħhom lejn is-sostenibbiltà, il-benesseri u r-reżiljenza. Din hija wkoll opportunità biex il-monitoraġġ tal-politiki ambjentali jkun marbut mal-flussi ta' ħidma li għaddejjin fil-JRC, fl-EEA u f'oħrajn dwar il-limiti planetarji (pereżempju l-użu tal-ilma ħelu, it-tibdil fl-użu tal-art, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani) u dwar l-impronta tal-konsum tal-Unjoni.

Il-qafas il-ġdid ta' monitoraġġ se jkun qed jibni fuq l-oqfsa eżistenti ta' monitoraġġ jew governanza ambjentali u klimatiċi, ikun mingħajr preġudizzju għalihom u saħansitra jikkumplimentahom; dawn jinkludu dawk tal-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika kif ukoll ir-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali. Din se tkun koerenti bis-sħiħ mal-flussi ta' ħidma li għaddejjin wara r-riżultati tanġibbli tal-EGD, bħall-monitoraġġ il-ġdid tal-Bijodiversità u t-Tniġġis Żero, kif ukoll il-monitoraġġ aġġornat tal-Ekonomija Ċirkolari. Għalhekk il-monitoraġġ tat-tmien EAP se jkun ibbażat l-aktar fuq *data* eżistenti, għodod ta' monitoraġġ u rapportar, li jevitaw id-duplikazzjoni u jillimitaw il-piż amministrattiv għall-Istati Membri, filwaqt li jużaw din l-opportunità biex inaqqsu d-differenzi fl-indikaturi (tniġġis żero u r-rabta bejn l-ambjent u l-politika soċjali). B'mod aktar speċifiku, din tibni fuq il-kisbiet taħt l-azzjonijiet biex tissimplifika r-rapportar ambjentali li ilu għaddej mill-2017[37], u b'hekk tgħin biex jiġu żviluppati messaġġi koerenti f'eżerċizzji ta' monitoraġġ differenti.

Il-***qafas ta' monitoraġġ*** għandu jiżgura s-sjieda u t-twettiq ta' impenji u indikaturi ċari u bbażati fuq ir-riżultati biex jitkejjel il-progress u jibni fuqu, filwaqt li jkun konsistenti ma' oqfsa ta' monitoraġġ eżistenti u għodod ta' rapportar imħaddma b'mod partikolari, iżda mhux esklużivament, mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-network Eionet tagħha, filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-piż amministrattiv addizzjonali għall-Istati Membri u għal korpi ta' rapportar oħrajn. L-ECHA hija mitluba wkoll tikkontribwixxi għal dan l-eżerċizzju u tipprovdi informazzjoni dwar l-użu sostenibbli tas-sustanzi kimiċi.

Sabiex jiġi mmexxi u appoġġat il-***qafas ta' monitoraġġ tat-tmien EAP***, jeħtieġ li jingħataw riżorsi addizzjonali lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) u lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA). Dawn ir-riżorsi mhumiex riżorsi ġodda, iżda se jiġu pprovduti

[37] Ara https://ec.europa.eu/environment/legal/reporting/fc_actions_en.htm

lill-Aġenziji mill-programm LIFE (li jappoġġa wkoll l-attivitajiet ewlenin tagħhom), sabiex tiġi rrispettata l-proposta tal-QFP, li bħalissa qed tiġi nnegozjata mal-awtorità baġitarja. Ir-riżorsi se jintużaw kemm biex jissaħħaħ il-persunal fl-Aġenziji li se jkunu qed iwettqu ħidma fuq il-Patt Ekoloġiku Ewropew u b'mod partikolari biex jappoġġaw u jagħtu kontribut fil-ħidma ta' monitoraġġ u rapportar tat-tmien EAP. B'mod iktar speċifiku:

• **L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)**: Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-ħidma tal-EEA dwar diversi politiki ambjentali u klimatiċi, u dwar ir-rapport tal-"Istat tal-Ambjent" (SOER) se jkunu l-bażi tal-qafas ta' monitoraġġ. L-istrateġija l-ġdida tal-EEA u l-programm ta' ħidma pluriennali u r-riżorsi tagħha tal-EEA jeħtieġ li jiġu adattati u msaħħa biex jipprovdu monitoraġġ dinamiku, koerenti, b'diversi livelli u trasversali, ibbażat fuq l-integrazzjoni ta' diversi sorsi ta' informazzjoni u li jippermettu rapportar f'diversi livelli (nazzjonali, reġjonali, internazzjonali). Il-qafas ta' monitoraġġ għandu jitfassal skont ir-rekwiżiti u l-ħtiġijiet ta' rapportar identifikati tat-tmien EAP, li jippermetti l-komunikazzjoni effettiva tal-isfidi u r-reazzjonijiet għaċ-ċittadini u għall-faċilitazzjoni ta' diskussjoni politika ta' Livell Għoli fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill.

Filwaqt li l-monitoraġġ u r-rapportar dwar l-"Istat tal-Ambjent" jaqgħu taħt il-mandat attwali tar-Regolament li jwaqqaf l-EEA, il-kompiti ta' monitoraġġ u rapportar imsemmija hawn fuq **se jinkludu kompiti addizzjonali għall-EEA** u għalhekk jirrikjedu aktar riżorsi. Wara analiżi bir-reqqa li saret flimkien mal-EEA biex jiġu analizzati sinerġiji possibbli, iżda wkoll biex tiġi ppjanata b'mod strateġiku l-ħidma futura b'reazzjoni għall-prijoritajiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-EEA se tkun teħtieġ il-postijiet ġodda addizzjonali li ġejjin mill-2021 li jkopru l-perjodu l-ġdid tal-QFP (2021-2027):

6 postijiet TA u 9 postijiet CA għall-ħidmiet u attivitajiet ġodda li ġejjin:

Aġġornament tal-qafas ta' monitoraġġ tal-Ekonomija Ċirkolari (Appoġġ għat-tabella ta' valutazzjoni CE) u appoġġ għal inizjattivi settorjali CE (1 TA)

Rapportar dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet CE, l-investimenti sostenibbli u l-monitoraġġ tal-impatt tal-investimenti CE tal-finanzi tal-UE (1 CA)

Appoġġ għall-iżvilupp tal-istrateġija tal-UE dwar il-bijodiversità u l-iżvilupp ta' qafas ta' monitoraġġ tal-Bijodiversità u tal-Ekosistemi, b'enfasi fuq oqsma li għandhom jiġu koperti minn inizjattivi ġodda (ħamrija, art u foresti) (1 TA, 2 CA)

Il-monitoraġġ tas-saħħa tal-Bijodiversità u tal-Ekosistemi (b'enfasi fuq l-ambjenti tal-ilma ħelu u dawk marittimi) bħala kontribut għal Tniġġis Żero (tnaqqis tal-iskart fil-baħar) u l-bini ta' ambjent mhux tossiku (1 TA)

Analiżi integrata ta' impatti tat-tniġġis fuq l-ambjent u s-saħħa u rapportar dwar (eż. ilma tax-xorb, l-użu mill-ġdid tal-ilma, SEVESO, il-merkurju) oqsma ġodda u trasversali tal-ambizzjoni ta' Tniġġis Żero tal-Patt Ekoloġiku, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ECHA u mal-EFSA (1 TA)

Kapaċità msaħħa għall-analiżi u l-valutazzjonijiet integrati tad-diversi oqsma ta' politika tal-Patt Ekoloġiku (pereżempju, ir-rabta tal-bijodiversità mal-inizjattivi ta' tniġġis żero u Farm2Fork). Dan jikkonċerna wkoll valutazzjonijiet integrati dwar id-Direttiva dwar l-Għargħar, l-Ilma Urban Mormi iżda anke d-Direttiva dwar in-Nitrati u l-integrazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi tal-ilma ħelu u dawk marittimi fit-tranżizzjoni ekonomika (l-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli) u l-klima (1 CA)

It-titjib tal-monitoraġġ tat-tmien EAP u l-politiki dwar il-klima fl-era diġitali – bl-użu sħiħ tad-*data* ta' COPERNICUS, l-integrazzjoni tax-xjenza taċ-ċittadini u informazzjoni minn

sorsi oħra għal monitoraġġ u implimentazzjoni ambjentali dinamiċi – it-titjib fil-puntwalità tat-twassil, il-viżwalizzazzjoni u l-aċċess għall-informazzjoni (2 CAs)

It-tisħiħ tad-dimensjoni internazzjonali tal-monitoraġġ ambjentali u klimatiku, l-appoġġ għad-diplomazija u n-negozjati dwar l-ambjent u l-klima (1 TA)

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki u l-miżuri nazzjonali ta' adattament għat-tibdil fil-klima u r-rabtiet tiegħu ma' objettivi ambjentali oħra (1 TA)

Appoġġ lill-Istati Membri fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u r-rabtiet tagħhom mal-kwalità tal-arja u l-ambizzjoni ta' tniġġis żero (1 TA)

Il-monitoraġġ tas-saħħa tal-bniedem u l-impatti u l-adattament għat-tibdil fil-klima permezz ta' osservatorju virtwali tal-klima u s-saħħa fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku u l-ambizzjoni tagħha ta' tniġġis żero għal ambjent mhux tossiku (1 TA)

Appoġġ għal metodi ġodda ta' monitoraġġ għall-konsum tal-fjuwil fid-dinja reali u emissjonijiet ta' vetturi ħfief u ta' vetturi tqal (mill-2022) (1 TA)

<u>Bażi tar-riżorsi umani fl-EEA għall-proposta tat-tmien EAP</u>

Sabiex jiġu ssodisfati l-kontribuzzjonijiet tal-EEA għall-monitoraġġ u r-rapportar skont it-tmien EAP, huwa kruċjali wkoll li mill-2021 u matul il-perjodu tal-QFP li jmiss (2021-2027) tinżamm l-allokazzjoni ta' riżorsi li ġew allokati addizzjonalment għal dan l-iskop bejn l-2018 u l-2020. Il-linja bażi għall-kalkolu tar-riżorsi addizzjonali meħtieġa tal-EEA għalhekk għandha tkun ir-riżorsi kif adottati fil-baġit finali tal-UE għall-2020 (jiġifieri 130 post tal-pjan ta' stabbiliment, 74 CAs u 20 ENDs). Dan għandu jiżgura l-kontinwità tal-kompiti ewlenin ġodda miżjuda fil-perjodu 2018-2020 b'mod partikolari:

- Ir-rwol ta' assistenza tal-EEA fil-monitoraġġ, il-kontroll, ir-rapportar u t-tixrid ta' informazzjoni dwar dimensjonijiet ewlenin tal-objettivi tat-tmien EAP relatati mal-klima, id-dekarbonizzazzjoni (tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u enerġija rinnovabbli) u l-effiċjenza enerġetika huwa stabbilit fl-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika. Tliet postijiet addizzjonali ta' aġenti kuntrattwali (CAs) ġew allokati u bbaġitjati għall-perjodu ta' żmien sal-2020 tal-QFP attwali, b'indikazzjoni ta' tul ta' żmien mhux limitat. Dawn it-3 postijiet għandhom jinżammu matul il-perjodu l-ġdid tal-QFP, jinbidlu għal postijiet tat-TAs, biex jagħtu rendikont sħiħ u permanenti tal-kompiti addizzjonali rispettivi miżjuda mal-EEA.

- Karigi addizzjonali allokati lill-Aġenzija fl-istabbiliment tal-baġit tal-2020 (5 AT u 2 CAs) u mir-Regolament (UE) 2018/956 (2 CAs), li huma kruċjali għall-implimentazzjoni tal-politiki attwali dwar l-ambjent u l-klima. Dawn il-karigi jkopru attivitajiet li diġà huma implimentati (ara hawn taħt) u huma parti mil-linja bażi tar-riżorsi umani tal-Aġenzija:

a) Il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-integrazzjoni tal-LULUCF fil-pjattaforma tal-inventarju tal-GHG u l-analiżi sistemika tas-setturi tal-klima u tal-foresti u tal-agrikoltura

b) Analiżi sistemika tal-politika tal-ilma fil-bidla tal-klima

c) Analiżi integrata tal-impatt ekonomiku ta' tranżizzjoni ambjentali u sostenibbli u ġusta

d) Il-modernizzazzjoni tal-għodod għall-monitoraġġ tal-bijodiversità

e) L-integrazzjoni tad-*data* ta' Copernicus fil-monitoraġġ u r-rapportar ambjentali

f) Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet ta' CO2 u tal-konsum ta' fjuwil ta' vetturi tqal ġodda

• **L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA):** L-ECHA se jkollha rwol importanti fl-iżvilupp tal-istrateġija tal-UE dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà.

Sabiex twettaq il-kompiti elenkati, kull Awtorità se jkollha bżonn il-postijiet il-ġodda li ġejjin b'seħħ mill-2020:

1 TA u 1 CA għall-ġestjoni u l-konsolidazzjoni ta' bażijiet tad-*data* u l-għoti ta' *data* kimika sabiex jitlestew ir-rapporti tar-riskju emerġenti rispettivi u l-kontribut għall-indikaturi tal-politika dwar is-sustanzi kimiċi u kontributi oħra għall-ħidma tal-EEA.

1.4.3. Riżultati u impatt mistenni

Speċifika l-effetti li għandu jkollha l-proposta/inizjattiva fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

L-objettiv ewlieni tal-azzjonijiet previsti huwa li jipprovdu qafas ta' monitoraġġ komprensiv li huwa adattat għat-tmien EAP il-ġdid, iżda wkoll li jippromwovu l-interkonnessjonijiet u s-sinerġiji bejn it-tmien EAP u l-inizjattivi rilevanti taħt il-kappa tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-Pjan ta' Ekonomija Ċirkolari adottat riċentement, il-Liġi Ewropea dwar il-Klima li tħaddan l-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2030, l-inizjattiva Farm2Fork, iżda wkoll inizjattivi li qed jitħejjew bħall-inizjattivi ta' ambizzjoni Tniġġis Żero (ZPAP u l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà), huma l-kandidati ovvji.

Dan l-approċċ ġdid ta' monitoraġġ, li jintegra l-għodda diġitali l-aktar avvanzata se jipprovdi analiżi bbażata fuq l-evidenza, rapportar definit sew f'diversi livelli u setturi u se jkompli jappoġġa l-obbligi ta' rapportar tal-UE fil-livell tal-UE u f'dak internazzjonali.

Il-qafas u l-attività ta' rapportar strutturati sew u ppjanati għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-valutazzjoni sinifikanti tat-tmien EAP, jinfurmaw lil dawk li jfasslu l-politika u jagħtu bidu għal dibattiti ta' Livell Għoli fil-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Il-Kummissjoni se tkun qed timmonitorja l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet previsti f'din il-proposta. L-indikaturi jistgħu jinkludu:

– Numru ta' rapporti dwar suġġetti tematiċi (Ekonomija Ċirkolari, Bijodiversità, Foresti, Art, Ilma u Baħar, Arja, Storbju, Skart, Emissjonijiet, eċċ.

– Numru ta' rapporti ta' monitoraġġ orizzontali dwar il-progress fl-implimentazzjoni tat-tmien EAP, l-SDGs, l-EIR u l-Patt Ekoloġiku Ewropew b'reazzjoni għaċ-ċikli ta' Rapportar rispettivi (it-3 ċiklu ta' rapportar se jiġi konkluż f'Ġunju 2027 qabel l-iskadenza tat-tmien EAP).

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li għandhom jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-prosegwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

It-tmien proposta tal-EAP twieġeb għall-Artikolu 192(3) tat-Trattat u ssegwi r-riżultati tal-evalwazzjoni riċenti tas-seba' EAP.

Il-Kummissjoni għandha tqis il-progress fil-kuntest ta' tliet ċikli suċċessivi ta' rapportar tal-EIR fl-2022, l-2024 u l-2027.

Fil-kuntest tat-tieni ċiklu ta' rapportar fl-2024 — li għandu jitlesta fil-ħin biex jinforma dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-EDG, it-tmien EAP, lejn l-SDGs u l-viżjoni sal-2050 ta' dan il-programm imniżżla fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni sa tmiem il-mandat ta' din il-Kummissjoni — il-Kummissjoni se tqis u teżamina l-ħtieġa li jiġu rieżaminati l-prijoritajiet ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni kif stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-objettivi prijoritarji kif stabbiliti f'dan il-Programm.

It-tielet ċiklu ta' rapportar għandu jiġi konkluż sa Ġunju 2027, sew qabel l-iskadenza ta' dan il-Programm.

1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. titjib fil-koordinazzjoni, ċertezza legali, effettività jew komplementarjetajiet akbar). Għall-finijiet

ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li huwa addizzjonali għall-valur li nkella kien jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom.

Raġunijiet għal azzjoni fuq livell Ewropew (ex-ante):

Il-ħtieġa li jsir provvediment għal monitoraġġ effiċjenti, koerenti u risponsiv tat-tmien EAP u tal-politiki kollha tal-UE dwar l-ambjent u l-klima hija inkorporata fit-Trattat tal-Unjoni.

Valur miżjud iġġenerat tal-Unjoni mistenni (ex-post):

Il-qafas ta' Monitoraġġ se jkun il-mezz ta' monitoraġġ tat-tmien Programm tal-EAP u l-Patt Ekoloġiku Ewropew. Se jappoġġa l-obbligi ta' rapportar tiegħu, jiffaċilita d-dibattiti ta' Livell Għoli u se jikkontribwixxi għall-valutazzjoni u l-evalwazzjoni tal-kisbiet tat-tmien EAP.

1.5.3. *Lezzjonijiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat*

Mhux applikabbli

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

L-objettiv ta' din il-proposta huwa konsistenti ma' għadd ta' politiki oħrajn tal-UE u inizjattivi li għaddejjin bħalissa li ġejjin mill-Patt Ekoloġiku Ewropew. L-objettivi prijoritarji tat-tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali huma li:

a) iwassal biex sal-2050 naslu f'punt fejn inkunu qed ngħixu tajjeb, u fil-limiti ekoloġiċi tal-pjaneta. Il-prosperità tagħna u l-ambjent b'saħħtu jirriżultaw minn ekonomija innovattiva u ċirkolari, fejn ma jinħela xejn u fejn ir-riżorsi naturali jiġu mmaniġġjati b'mod sostenibbli, u l-bijodiversità hija mħarsa, apprezzata u rrestawrata f'modi li jsaħħu r-reżiljenza tas-soċjetà tagħna. L-ekonomija tagħna, newtrali għall-klima, ġiet diżakkoppjata mill-użu tar-riżorsi, u hekk titwitta t-triq għal soċjetà globali sikura u sostenibbli;

b) iwassal biex jinkisbu l-objettivi ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni kif stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew bil-ħsieb li titwettaq l-Aġenda 2030 tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari:

- In-newtralità klimatika sal-2050 kif deskritta fil-Liġi dwar il-Klima
- Ekonomija newtrali għall-klima, nadifa u ċirkolari
- Il-preżervazzjoni u r-restawr tal-ekosistemi u l-bijodiversità
- Ambizzjoni ta' tniġġis żero għal ambjent mingħajr sustaanzi tossiċi u biex tiġi protetta s-saħħa taċ-ċittadini;

c) iwassal biex tinkiseb konformità sħiħa mal-acquis eżistenti dwar l-ambjent u l-klima;

d) jimplimenta l-miżuri, il-politiki u l-approċċi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan il-Programm li flimkien jikkostitwixxu qafas abilitanti għal bidla trasformattiva.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Mhux applikabbli.

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ **durata limitata**

- ☐ Proposta/inizjattiva b'effett minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- ☐ Impatt finanzjarju mill-SSSS sal-SSSS

☑ **tul ta' żmien mhux limitat**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' inizjalizzazzjoni mill-2021
- u warajha tħaddim fl-iskala kollha.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[38]

☑ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni permezz ta'

- ☐ aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☑ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

☐lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

☑ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71;

☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ korpi regolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE u li huma identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Kummenti

Mhux applikabbli

[38] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-proposta tistabbilixxi Deċiżjoni li tadotta t-tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni. Fi ħdan il-proposta tat-tmien EAP, qed tiġi ppreżentata l-ħtieġa għal programm ambizzjuż li jipprovdi għal monitoraġġ u rapportar regolari dwar l-istat tal-ambjent u dwar l-isforzi tal-Istati Membri biex jimplimentaw azzjonijiet ambjentali u klimatiċi (l-Artikolu 4.1). Il-ħidma se ttejjeb l-użu ta' indikaturi miftiehma dwar diversi oqsma ta' politika ambjentali u klimatika u se tibni fuq il-prinċipji ta' INSPIRE għall-użu ta' data spazjali u informazzjoni diġitali (COPERNICUS). Ir-rapportar koerenti, multidixxiplinarju u aġġornat se jkun il-bażi jew il-preżentazzjoni ta' informazzjoni lill-pubbliku u l-analiżi tal-progress dwar kwistjonijiet klimatiċi u ambjentali. Barra minn hekk, abbażi ta' dawn ir-rapporti, se ssir diskussjoni ta' Livell Għoli, fejn il-Kunsill u l-Parlament se jiddibattu l-istat tal-isfidi ambjentali u klimatiċi u jivvalutaw il-koerenza tal-politiki u l-azzjonijiet tal-UE li jindirizzawhom u jilħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. L-involviment tal-EEA u tal-ECHA huwa ta' importanza kbira għal dan ix-xogħol. Bl-istess mod, għall-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijodiversità, ir-rwol tal-monitoraġġ u l-użu sħiħ tal-informazzjoni diġitali huwa importanti ħafna għall-monitoraġġ tal-istatus ta' ekosistemi vulnerabbli u ta' valur u s-servizzi tagħhom. L-interoperabbiltà ta' bażijiet tad-data u l-estrazzjoni tad-data minn sorsi differenti jipprovdu informazzjoni siewja għall-impatti tal-attività tal-bniedem fuq l-ambjent u l-klima. Ir-rapportar regolari dwar dawn l-impatti, mhux biss juri impatti negattivi, iżda wkoll reazzjonijiet għal miżuri ta' ġestjoni pożittivi u azzjonijiet ta' protezzjoni. B'dan il-mod il-monitoraġġ u r-rapportar jipprovdu indikazzjonijiet dwar il-prestazzjoni fil-prattika tal-programmi, l-azzjonijiet u r-riżorsi finanzjarji Komunitarji, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak internazzjonali.

Se japplikaw regoli standard ta' monitoraġġ u rapportar għas-sussidji tal-UE lill-aġenziji tradizzjonali.

2.2. Sistema(i) ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu(i) għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll proposta

Il-ġestjoni se tkun kemm diretta mill-Kummissjoni kif ukoll indiretta permezz tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA).

L-adegwatezza ta' approċċ ta' ġestjoni kompletament indirett permezz ta' żewġ Aġenziji deċentralizzati (jew potenzjalment aktar) (EEA, ECHA, iżda possibbilment l-EFSA wkoll) se tiġi esplorata mal-koleġiżlaturi.

Fir-rigward tal-istrateġija ta' kontroll, l-Aġenziji deċentralizzati kollha jaħdmu mill-qrib mas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni biex jiżguraw li jintlaħqu standards xierqa fl-oqsma kollha tal-qafas ta' kontroll intern. Dawk l-arranġamenti għandhom japplikaw ukoll għar-rwol tal-Aġenziji fir-rigward tal-proposta attwali.

Barra minn hekk, kull sena finanzjarja, il-Parlament Ewropew, wara rakkomandazzjoni mill-Kunsill, u filwaqt li jqis is-sejbiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, jikkunsidra jekk jagħtix kwittanza lill-Aġenziji għall-implimentazzjoni tagħhom tal-baġit.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema(i) ta' kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom*

Fir-rigward tal-użu legali, ekonomiku, effiċjenti u effikaċi tal-approprjazzjonijiet li jirriżultaw mill-azzjonijiet li għandhom jiġu mwettqa mill-EEA u l-ECHA fil-kuntest ta' din il-proposta, din l-inizjattiva ma tiġġenerax riskji sinifikanti ġodda li ma jkunux koperti minn qafas ta' kontroll intern eżistenti. L-azzjonijiet li għandhom jitwettqu fil-kuntest ta' din il-proposta se jibdew fl-2021 u se jkomplu matul il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) il-ġdid.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"ispejjeż tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll huma pprovduti fir-Regolamenti li bħalissa jirregolaw il-funzjonament tal-EEA u l-ECHA. Dawn il-korpi se jaħdmu mill-qrib mas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni sabiex jiżguraw li jiġu segwiti l-istandards xierqa fl-oqsma kollha tal-qafas ta' kontroll intern. Kull sena, il-Parlament Ewropew, wara rakkomandazzjoni mill-Kunsill, jagħti kwittanza lill-EEA u lill-ECHA għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħhom.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) japplikaw għall-EEA u għall-ECHA mingħajr ebda restrizzjoni. L-EEA u l-ECHA għandhom strateġija ddedikata għal kontra l-frodi u l-pjan ta' azzjoni li jirriżulta minnha. Barra minn hekk, ir-Regolamenti li jistabbilixxu l-EEA u l-ECHA, jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni u l-kontroll tal-baġits tal-EEA u l-ECHA u r-regoli finanzjarji applikabbli, inklużi dawk immirati biex jipprevjenu l-frodi u l-irregolaritajiet.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA[39]

3.1. Intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwata(i)

- L-intestaturi baġitarji eżistenti

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Type of nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.[40]	minn pajjiżi	minn pajjiżi	minn pajjiżi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament

[39] Iċ-ċifri baġitarji ppreżentati huma indikattivi u mingħajr preġudizzju għall-proċeduri baġitarji wara l-adozzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027.

[40] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

			tal-EFTA[41]	kandidati[42]	terzi	Finanzjarju
3	09.02.01 In-natura u l-bijodiversità	Diff.	NO	NO	NO	NO
3	09.02.02 L-ekonomija ċirkulari u l-kwalità tal-ħajja	Diff.	NO	NO	NO	NO
3	09.02.03 Il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih	Diff.	NO	NO	NO	NO
3	09.10.02 - L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent	Diff.	NO	NO	NO	NO
3	09.10.01 - L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi	Diff.	NO	NO	NO	NO

41 EFTA: L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
42 Pajjiżi kandidati u, fejn ikun applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa[43]

Miljuni ta’ EUR (sa tliet punti deċimali)

Huwa mistenni li l-Intestatura 3 se żżomm in-newtralità u mhux se tkun affettwata minn dawn il-proposti. Ir-riżorsi meħtieġa għall-EEA u l-ECHA se jitnaqqsu mill-baġit tal-LIFE skont qsim ta’ 2/3 tal-ispejjeż għad-DĠ Ambjent u 1/3 tal-ispejjeż għad-DĠ Azzjoni Klimatika għall-EEA, filwaqt li r-riżorsi meħtieġa għall-ECHA se jkunu koperti mid-DĠ Ambjent kollha kemm huma.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	Intestatura 3: Riżorsi Naturali u Ambjent

Il-prezzijiet kostanti

DĠ ENV U DĠ CLIMA: <09.02.01, 09.02.02, 09.0203>			2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	**TOTAL**
Tnaqqis fl-09.02.01 – DĠ ENV	L-impenji	(1a)	1.385	1.405	1.428	1.450	1.474	1.496	1.522	10.160
	Pagamenti	(2a)	1.385	1.405	1.428	1.450	1.474	1.496	1.522	10.160
Tnaqqis fl-09.02.02 – DGENV	L-impenji	(1b)	1.062	1.079	1.096	1.113	1.130	1.148	1.166	7.794
	Pagamenti	(2b)	1.062	1.079	1.096	1.113	1.130	1.148	1.166	7.794
Tnaqqis fl-09.02.03 – DĠ CLIMA	L-impenji	(1c)	1.062	1.079	1.096	1.113	1.130	1.148	1.166	7.794
	Pagamenti	(2c)	1.062	1.079	1.096	1.113	1.130	1.148	1.166	7.794
Tnaqqis TOTALI fl-approprjazzjonijiet operattivi għal DĠ ENV u DĠ CLIMA <09.02.01, 09.02.02 u 09.0203>	L-impenji	=1a+1b +1c	3.509	3.563	3.620	3.676	3.734	3.792	3.854	25.748
	Pagamenti	=2a+2b+3c	3.509	3.563	3.620	3.676	3.734	3.792	3.854	25.748

43 Iċ-ċifri baġitarji ppreżentati huma indikattivi u mingħajr preġudizzju għall-proċeduri baġitarji wara l-adozzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027.

EEA: <09.10.02>			2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	**TOTAL**
Titolu 1:	Impenji	(1)	2.462	2.511	2.562	2.613	2.665	2.718	2.773	**18.304**
	Pagamenti	(2)	2.462	2.511	2.562	2.613	2.665	2.718	2.773	**18.304**
Titolu 2:	Impenji	(1a)	0.225	0.225	0.225	0.225	0.225	0.225	0.225	**1.575**
	Pagamenti	(2a)	0.225	0.225	0.225	0.225	0.225	0.225	0.225	**1.575**
Titolu 3:	Impenji	(3a)	500	500	500	500	500	500	500	**3.500**
	Pagamenti	(3b)	500	500	500	500	500	500	500	**3.500**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall- EEA <09.10.02>	L-impenji	=1+1a +3a	3.187	3.236	3.287	3.338	3.390	3.443	3.498	**23.379**
	Payments	=2+2a +3b	3.187	3.236	3.287	3.338	3.390	3.443	3.498	**23.379**
ECHA: <09.10.01>			2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	**TOTAL**
Titolu 1:	Impenji	(1)	0.272	0.277	0.283	0.288	0.294	0.300	0.306	**2.019**
	Pagamenti	(2)	0.272	0.277	0.283	0.288	0.294	0.300	0.306	**2.019**
Titolu 2:	Impenji	(1a)	0.050	0.050	0.050	0.050	0.050	0.050	0.050	**0.350**
	Pagamenti	(2a)	0.050	0.050	0.050	0.050	0.050	0.050	0.050	**0.350**
Titolu 3:	Impenji	(3a)	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	**0.000**
	Pagamenti	(3b)	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	**0.000**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-ECHA <09.10.01>	L-impenji	=1+1a +3a	0.322	0.327	0.333	0.338	0.344	0.350	0.356	**2.369**
	Pagamenti	=2+2a +3b	0.322	0.327	0.333	0.338	0.344	0.350	0.356	**2.369**

3.2.2. *Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet tal-EEA u l-ECHA*

- ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali) fi prezzijiet kostanti

Indika l-objettivi u r-riżultati			2021		2022		2023		2024		2025		2026		2027		TOTAL	
	OUTPUTS																	
⇩	Tip[44]	Spiża medja	Le	Nefqa	Le	Nefqa	Le	Nefqa	Le	Nefqa	Le	Nefqa	Le	Nefqa	Le	Nefqa	Nru totali	Spiża totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[45]…																		
- Output																		
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1																		
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																		
- Output																		
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 2																		
SPIŻA TOTALI																		

[44] Outputs huma prodotti u servizzi li jridu jiġu fornuti (eż.: numru ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, numru ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).
[45] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku(ċi)..."

3.2.3. Stima tal-impatt fuq ir-riżorsi umani tal-EEA u l-ECHA

3.2.3.1. Fil-Qosor

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali) fi prezzijiet kostanti

L-EEA U L-ECHA	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**TOTAL**
Aġenti temporanji (Gradi ta' AD)	1.993	2.033	2.074	2.115	2.158	2.201	2.245	14.820
Aġenti temporanji (Gradi ta' AST)								
Persunal b'kuntratt	740	755	770	786	801	817	834	5.503
Esperti Nazzjonali Sekondati								
TOTAL	2.734	2.778	2.844	2.901	2.959	2.018	3.087	**20.323**

Nota: *Il-prezzijiet jassumu aġġustament ta' 31.9 % għall-postijiet tal-EEA (f'Copenhagen) u indiċjar tas-salarji ta' 2 % għall-perjodu kollu tal-MMF (kemm il-postijiet tal-EEA kif ukoll tal-ECHA).*

Rekwiżiti tal-persunal (FTE):

L-EEA U L-ECHA	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**TOTAL**
Aġenti temporanji (Gradi ta' AD) EEA=9, ECHA=1	10	10	10	10	10	10	10	
Aġenti temporanji (Gradi ta' AST)								
Persunal b'kuntratt EEA=6, ECHA=1	7	7	7	7	7	7	7	
Esperti Nazzjonali Sekondati								
TOTAL	**17**	**17**	**17**	**17**	**17**	**17**	**17**	

3.2.3.2. Stima tar-rekwiżiti tar-riżorsi umani għad-DĠ oriġinarji

– ☑ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' riżorsi umani **addizzjonali**.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu tar-riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew sa massimu ta' punt deċimali wieħed)

		2020	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
• **Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)**									
• **Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-time: FTE)**[46]									
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")									
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JPD fid-Delegazzjonijiet)									
XX 01 04 *ss*[47]	- fil-Kwartieri Ġenerali[48]								
	- fid-Delegazzjonijiet								
XX 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka indiretta)									
10 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka diretta)									
Linji baġitarji oħra (speċifika)									
TOTAL									

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa għal din l-attività u b'mod partikolari l-qafas imtejjeb ta' monitoraġġ li se jiġi stabbilit, se jiġu koperti mill-persunal mid-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew riallokati fi ħdan id-DĠ. ***Jekk ikun meħtieġ, il-ħtiġijiet se jitqabblu ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ responsabbli mill-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.***

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	
Persunal estern	

46 AC= Persunal b'Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonisti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet.

47 Sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operattivi (li qabel kienu l-linji "BA").

48 Prinċipalment għall-Fondi Strutturali, għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u għall-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

Id-deskrizzjoni tal-kalkolu tal-kost għall-unitajiet FTE għandhom ikunu inklużi fit-Taqsima 3 tal-Anness V.

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva se tirrikjedi programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali[49].

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total
Xxxxx								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. **L-impatt stmat fuq id-dħul**

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

- ☐ fuq ir-riżorsi proprji
- ☐ fuq dħul ieħor
- ☐ jekk jogħġbok indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal linji tan-nefqa

Miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/inizjattiva[50]						
		Year **N**	Year **N+1**	Year **N+2**	Year **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu ………….								

Għad-dħul "assenjat" mixxellanju, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

49 Ara l-Artikoli 11 u 17 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020.

50 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri l-ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-ispejjeż tal-ġbir.

Speċifika l-metodu biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul.

MT

MT